MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru. 264/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Gatt)**

**vs**

**Alfred Gatt**

Kumpilazzjoni Numru, 264/2007

**Illum 20 ta’ Ottubru 2008**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Alfred Gatt ta’ 48 sena, iben Victor u Giorgia nee Farrugia, imwieled Birkirkara fis-26 ta’ Gunju 1958, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 447458M u residenti gewwa 78 Triq John Borg, Birkirkara.

Akkuzat talli fit-18 ta’ Awissu 2006 gewwa l-Msida ghall-habta tas-7.50am
1. minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Joseph Grech f’periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Joseph Grech, jew gablu disordni f’mohhu, liema offieza hija gravi li gabet periklu ta’ debbulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta’ xi parti tal-gisem ta’ Joseph Grech jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem ta’ Joseph Grech jew mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ Joseph Grech jew marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, ghal daqshekk zmien zammietu milli jmur ghax-xoghol kif iccertifika Dr M. Grima ta’l-Isptar San Luqa bi ksur ta’l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap 9tal-Ligjiet ta’ Malta;
2. talli f’l-istess data lok hin u cirkostanzi kkaguna offieza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Jospeh Greh hekk kif iccertifika Dr P. Mangion tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan bi ksur ta’ l-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 214, 215, 216, u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li volontarjament ikkawza ferita fuq il-persuna ta’ Joseph Grech.

Illi mill-atti jirrizulta kwadru ta’ fatti car. L-imputat kien qed jaghmel xi xoghol f’l-Isptar Mater Dei meta kien ghadu qed isir xoghol ta’ finishing f’dan il-bini; l-parte lesa Joseph Grech minn-naha l-ohra kien qed jaghmel xoghol ta’

security officer f'l-istess bini. Nhar is-17 ta' Awissu tas-sena 2008 kien hemm diverbju bejn dawn iz-zewg persuni. L-incident in kwistjoni sehh l-ghada nhar it-18 ta' Awissu 2008 fil-ghodu meta l-imputat kien ghadu qed jirrapporta ghax-xoghol. L-imputat kien dahal fil-bini u hekk kif kien diehel fil-kurudur fejn kien qed jahdem rega kellu diverbju mal-parte leza li eskala b'mod li l-imputat spicca jghati daqqa ta' ras lill-parte leza fuq rasu.

Illi dawn il-fatti m'hemmx kontestazzjoni dwarhom u jirrizultaw ampjament mix-xhieda tal-parte leza u xhud okkulari kif ukoll mid-depozizzjoni ta'l-imputat.

Illi l-unika divergenza hija bejn id-depozizzjoni ta'l-imputat minn-naha u dik tal-parte leza u Josef Bugeja minn-naha l-ohra fis-sens li l-imputat jghid li l-argument bdieh l-parte leza, fil-waqt li l-parte leza u Bugeja jghidu li l-argument bdieh l-imputat.

Illi din d-diskrepanza ma thalli l-ebda dubbju li kien hemm argument verbali bejn l-imputat u Joseph Grech u li kien l-imputat li l-ewwel uza vjolenza fizika billi ta' daqqa ta' ras lil Joseph Grech. Konsegwentment jirrizulta pruvat li l-imputat ghandu jirrispondi ghall-griehi li soffra Joseph Grech.

Illi dwar in-natura tal-feriti sofferti mill-parte leza hemm tlett certifikati medici u d-depozizzjoni ta'l-istess parte leza. Mill-erbgha tobba involuti u li rrilaxxjaw certifikat (jew ghamlu notamenti f'certifikat gia rilaxxat) wiehed biss gie jixhed biex jikkonferma c-certifikat bil-gurament.

Illi t-tabib li xehed, Dr Paul Mangion, invista lill-parte leza fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira nhar it-18 ta' 2006 meta gie rilaxxjat ic-certifikat esebiet bhala Dokument SG4 fejn il-griehi gew klassifikati bhala ta' natura hafifa. Fic-certifikat rilaxxjat minn Dr Paul Mangion gew mizjuda xi notamenti minn Dr Daryl Xuereb; mhux indikat meta gew mizjuda dawn in-notamenti. Iz-zewg certifikati l-ohra huma dawk esebieti bhala Dokumenti SG3 u SG5. Dak markat SG5 gie rilaxxjat l-ghada nhar id-19 ta' Awissu 2006 mill-Casualty Department ta'l-Isptar San Luqa u huwa pjuttost

detalljat; f'dan ic-certifikat il-griehi huma klassifikati "gravi per durata". Ic-certifikat l-iehor gie rilaxxjat minn xi tabib mill-Isptar San Luqa nhar id-19 ta' Awissu 2006 u jikkonferma biss li l-parte leza mar il-casualty u instab li kellu "fracture nose"!!. In oltre mic-certifikat rilaxxjat minn Dr Grima jidher li t-trattament necessarju ma nghatax dak in-nhar il-casualty; jidher li bi ftehiem mal-pazjent (il-parte leza) dan inghata appuntament l-outpatients sebat ijiem wara.

Illi minn dawn ic-certifikati m'hemmx dubju li l-parte leza soffra griehi. Pero mill-provi prodotti l-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli li l-griehi sofferti kienu ta'natura gravi anke jekk gravi *per durata* u dan anke tenut kont tal-fatt li l-parte leza meta xehed qal li dam nieqes mix-xoghol xi erba' gimghat (tmienja u ghoxrin gurnata) u ghalkemm prometta li jgib dokumenti li juru ezattament kemm dam nieqes mix-xoghol dawn qatt ma gew prodotti.

Illi ghalhekk fil-waqt li giet pruvata it-tieni imptazzjoni, l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi dwar l-piena l-Qorti hadet in konsderazzjoni c-cirkostanzi li wasslu ghall-argument mertu ta' din l-imputazzjoni, l-fedina penali ta'l-imputat li hija kwazi netta, u l-fatt li l-parte leza hafer lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha, issibu hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------